MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 141/2001/1

**Is-socjeta' kummercjali G.V. Gozo Developments.**

**-vs-**

**Il-Perit Ray Cassar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Jannar 2001, li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fil-ghoxrin (20) ta' Awissu tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), il-konvenut inkarigia lis-socjeta' attrici sabiex taghmel diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni,

dekorazzjoni u alterazzjonijiet fil-fond numru disgha u erbghain (49), Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex; skond skrittura privata illi kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A.

Illi il-konvenet inkariga ukoll lis-socjeta' attrici sabiex taghmel diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni, dekorazzjoni u alterazzjonijiet fil-fond numru wiehed u ghoxrin (21), Main Street, Naxxar, Malta.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittri interpellatorji, sabiex ihallas l-bilanc tas-somma dovuta ghax-xogholijiet imsemmija, huwa baqa' inadempjenti.

Illi l-bilanc tas-somma dovuta ghall-imsemmija xogholijiet huwa ta' hamest elef u disa' mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm5,953.27) fir-rigward tax-xogholijiet esegwiti fil-fond numru disgha u erbghin (49), Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex; u disa' mija u tmenin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm980.95) fir-rigward tax-xogholijiet esegwiti fil-fond numru wiehed u ghoxrin (21), Main Street, Naxxar, Malta; oltre l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma dovuta lis-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali spedita fil-ghoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn John Vella ID 3468(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fit-8 ta' Marzu 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

Illi fl-ewwel lok, preliminarjament l-azzjoni attrici hija guridikament insostenibbli stante li c-Citazzjoni pprezentat mis-socjeta' attrici hija nulla u bla effett fil-Ligi u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Illi fit-tielet lok fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta' attrici qed tippretendi hlas ghal certi xoghlijiet li ma gewx esegwiti u ghal xoghlijiet ohra li ma gewx esegwiti skond is-sengha u l-arti. In oltre fl-ammont pretiz mis-socjeta' attrici hemm diversi *items* li gew inkluzi darbtejn, jew tlett darbiet u anke aktar u ukoll hemm ammonti li huma ferm esagerati, u dan kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi l-bank konvenut qed jeccepixxi n-nullita' tac-citazzjoni stante li l-istess citazzjoni fiha zewg talbiet illi ma ghandhomx x'jaqsmu ma' xulxin – dan hu spjegat fil-verbal tal-14 ta' Marzu 2001 ghalkemm ma johrogx car mill-eccezzjonijiet ut sic.

Il-Kodici tal-Procedura jindika li c-citazzjoni ghandhu jkollha tifsira car tal-oggett u r-raguni ghat-talba. Dan ghal zewg ragunijiet principali; l-ewwelnett biex il-konvenut ikun f'pozizzjoni illi jiddefendi ruhu skond it-talba u it-tieni biex il-Qorti tkun taf ezatt x'inhi t-talba u x'qed jintalab minnha biex tiddeciedi.

F'din il-kawza hu minnu li l-atturi qed jitolbu hlas ghal zewg ordnijiet ta' xoghlijiet li ghamlilhom il-konvenut – wahda permezz tal-iskrittura esebita u l-ohra separatament. Kif intqal fis-sentenza citata mill-istess atturi <u>KB Estate Limited vs Silvio Felice Limited</u> (deciza fit-13 ta' Marzu 2003).

*Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsira ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu innifsu mit-talba tal-attur.*

Fil-waqt li ma jistax jinghad li forsi idealment kellhom jigu intavolati zewg kawza ma jistax jinghad li t-talbiet huma inkompattibli ghaliex fil-verita' qed isiru dwar zewg rapporti guridici identici bejn l-istess partijiet. Fil-fatt sewwa qalu l-atturi li l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar snin inqas kienu propensi illi jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta' xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Certament il-Qrati f'dan l-aspett izommu f'mohhom ukoll il-fatt li l-ispejjes tal-kawzi illum ma humiex zghar u forsi ma jkunx gust li jigi annullati kawzi minhabba difett fic-citazzjoni. Biss dan ma jfissirx lanqas li wiehed ghandhu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej,

ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u mhijiex qeghda hemm ghalxejn. Fuq kollox l-attur ghandhu dejjem il-vantagg li jimposta l-kawza hu u ghalhekk hu gust li l-konvenut ikun jaf tajjeb mill-bidu fuq liema binarju l-istess kawza tkun impostata.

Kif sostna d-difensur tal-atturi fin-nota tieghu, biex citazzjoni tkun nulla, skond l-artiklu 789, irid ikun hemm dikjarazzjoni mil-ligi. Is-sentenzi citati mill-konvenuti, Cachia vs Zammit (14 ta' Dicembru 1989 – Qorti tal-Kummerc) fil-fatt iddecidiet kontra dak li qed jghidu il-konvenuti u cahdet eccezzjonijiet simili u qalet illi:

*L-atturi setghu forsi jaghzlu li jagixxu b'diversi citazzjonijiet, izda ghazlu jimxi b'citazzjoni wahda u dan certament jissalvagwardja l-principju tal-ekonomija tal-gudizzju. Ma jidhirx li billi ghamlu hekk irrekaw xi pregudizzju lill-konvenuti.*

L-artiklu 161 tal-Kap. 12 fil-fatt jaghmilha cara li zewg atturi jew iktar jistghu jibdew il-kawzi taghhom permezz ta' citazzjoni wahda jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin *minhabba l-mertu taghhom*. Dan fil-fehma tal-Qorti japplika ukoll meta l-istess attur ikollhu aktar minn vertenza wahda mal-konvenut, purke naturalment iz-zewg vertenzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin bl-istess mod.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna t-tkomplija tal-kawza; l-ispejjes huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------